# DEĊIŻJONI (UE) 2021/2255 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-7 ta’ Diċembru 2021

## dwar l-approvazzjoni tal-volum ta’ ħruġ ta’ muniti fl-2022 (BĊE/2021/54)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta’ Diċembru 2015 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta’ ħruġ ta’ muniti tal-euro (BĊE/2015/43) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 2(9) tagħha,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv sa mill-1 ta’ Jannar 1999 biex japprova l-volum ta’ muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn ’il quddiem “Stati Membri taż-żona tal-euro”).

(2) Id-19-il Stat Membru taż-żona tal-euro bagħtu lill-BĊE it-talbiet tagħhom għall-approvazzjoni tal-volum ta’ muniti li għandhom jinħarġu fl-2022, supplimentati minn noti ta’ spjegazzjoni dwar il-metodoloġija tat-tbassir. Uħud minn dawn l-Istati Membri pprovdew ukoll informazzjoni addizzjonali dwar muniti fiċ-ċirkolazzjoni, fejn din l-informazzjoni hija disponibbli u kkunsidrata importanti mill-Istati Membri kkonċernati biex tiġi ssostanzjata t-talba għall-approvazzjoni.

(3) Peress li d-dritt tal-Istati Membri taż-żona tal-euro li joħorġu muniti tal-euro huwa soġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħruġ, skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 (BĊE/2015/43), il-volumi approvati mill-BĊE ma jistgħux jinqabżu mill-Istati Membri taż-żona tal-euro mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-BĊE. Skont l-Artikolu 2(9) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 (BĊE/2015/43), minħabba li ma hi meħtieġa l-ebda modifika tal-volum mitlub ta’ ħruġ ta’ muniti, il-Bord Eżekuttiv għandu s-setgħa li jadotta din id-deċiżjoni dwar it-talbiet għall-approvazzjoni annwali għall-volum ta’ ħruġ ta’ muniti fl-2022, ippreżentati mill-Istati Membri taż-żona tal-euro,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 (BĊE/2015/43).

*Artikolu 2*

### Approvazzjoni tal-volum ta’ muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2022

Il-BĊE b’dan japprova l-volum ta’ muniti tal-euro li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri taż-żona tal-euro fl-2022 kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

| | Volum ta’ muniti tal-euro approvati għall-ħruġ fl-2022 | | |
|---|---|---|---|
| | **Muniti għaċ-ċirkolazzjoni** | **Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)** | **Volum ta’ ħruġ ta’ muniti** |
| | (EUR mijuni) | (EUR mijuni) | (EUR mijuni) |
| Il-Belġju | 32,00 | 1,00 | 33,00 |
| Il-Ġermanja | 371,00 | 212,00 | 583,00 |

([1]) ĠU L 328, 12.12.2015, p. 123.

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-Estonja | 13,90 | 0,33 | 14,23 |
| L-Irlanda | 23,30 | 0,50 | 23,80 |
| Il-Greċja | 101,70 | 0,62 | 102,32 |
| Spanja | 159,80 | 30,00 | 189,80 |
| Franza | 199,00 | 50,00 | 249,00 |
| L-Italja | 166,26 | 2,74 | 169,00 |
| Ċipru | 10,40 | 0,01 | 10,41 |
| Il-Latvja | 10,30 | 0,15 | 10,45 |
| Il-Litwanja | 20,00 | 0,77 | 20,77 |
| Il-Lussemburgu | 11,50 | 0,40 | 11,90 |
| Malta | 7,40 | 0,40 | 7,80 |
| In-Netherlands | 49,70 | 0,30 | 50,00 |
| L-Awstrija | 66,00 | 166,01 | 232,01 |
| Il-Portugall | 30,50 | 2,00 | 32,50 |
| Is-Slovenja | 21,00 | 1,00 | 22,00 |
| Is-Slovakkja | 18,00 | 2,00 | 20,00 |
| Il-Finlandja | 10,00 | 5,00 | 15,00 |
| Total | 1 321,76 | 475,23 | 1 796,99 |

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi nnotifikata lid-destinatarji.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta’ Diċembru 2021.

*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE